# 60 Sena Ilu

## Saret l-Inawgurazzjoni tal-Każin fejn Ninsabu Llum

**(Mill-gazzetta 'Il-Berqa' ta' l-Erbgħa 24 ta' April 1946)**

Il-Każin tal-Banda Gran Mastru Fra Antoine De Paule inawgura l-post il-ġdid f'Misraħ Pawla (fejn ninsabu llum) nhar Ħadd il-Għid, 21 ta' April 1946, jiġifieri sittin sena ilu.

It-tħejjijiet għal dan il-ftuħ uffiċjali bdew nhar il-15 ta' April meta l-Kumitat organizza fil-każin kors ta' eżerċizzi spiritwali għas-soċi u l-ħbieb, li dam sejjer tlett ijiem. Wara sar il-qrar fil-każin stess bi tħejjija għat-Tqarbin Ġenerali.

Skond is-Sur Emilio Camilleri, l-għanijiet ewlenin tal-festa tal-ftuħ uffiċjali tal-każin il-ġdid, kienu: l-ewwel li jilqgħu, iqimu u jsellmu lill-Arċisqof Mikiel Gonzi u t-tieni li jiġi inawgurat il-każin il-ġdid. Dak iż-żmien is-Soċjetà kellha 50 bandist u 'l fuq minn 400 membru.

Il-programm ta' lejlet il-festa, is-Sibt 20 ta' April, beda fil-5.30pm. Il-Banda Gran Mastru De Paule daqqet marċi brijużi fit-triqat ewlenin ta' Raħal Ġdid u mbagħad, fuq



il-plančier, sar progamm li kien imżewwaq b'siltiet mużikali fosthom bċejjeċ mill-opri. Is-Sur Dimech, Viċi-President, ippreżenta bukett fjuri għan-nom tal-każin lis-Surmast C. Baldacchino.

Nhar Ħadd il-Għid, fis-7.30 ta' filgħodu l-Eċċellenza Tiegħu Mons. E. Galea, Isqof Titulari ta' Tralles, qaddes Quddiesa letta. Numru kbir ta'membri u ħbieb tqarbnu. Wara l-quddiesa l-Isqof Galea bierek il-każin u saret il-konsagrazzjoni tas-soċi u l-kazin il-ġdid lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù.

Fil-5.00pm il-Banda Queen's Own ta' l-Isla, bdiet marċijiet minn Triq Bormla għal Misraħ Pawla (illum Pjazza Antoine De Paule). Fis-5.45pm din il-banda waslet fuq il-plančier li kien armat quddiem il-każin. Quddiem il-każin kien hemm skjerati l-*Boy Scouts* ta' Pawla/Tarxien. Sadanittant il-folla kibret sewwa.

Fis-6.00pm wasal l-Eċċellenza Tiegħu Mons. Sir Michael Gonzi, Arċisqof Metropolitan, li ġie milqugħ mill-President tas-Soċjetà u l-Kleru fost iċ-ċapċip tal-folla preżenti. Wara li ndaqq l-Innu tal-Papa, l-Arċisqof mexa għall-każin minn qalb il-*Guard of Honour* ta' l-i*Scouts* u fost l-għajjat u t-tixjir tal-bnadar bojod u sofor f'idejn it-tfal ta' l-Azzjoni Kattolika.

Ftit minuti wara wasal l-Eċċellenza Tiegħu Sir David Campbell, l-uffiċjal li kien qed jamministra l-Gvern. Indaqq il-*God Save the King* u wara flimkien ma' l-Arċisqof telgħu fis-sala tal-każin fejn sabu jistennewhom il-mistednin.

Wara diskors mill-President, żewġ bandisti ppreżentaw lill-Arċisqof somma flus għall-Istitut Kattoliku. Imbagħad l-Arċisqof bierek standard ġdid bl-arma tal-Gran Mastru De Paule li ġie rregalat lill-banda mis-soċi u l-ammiraturi tal-każin. L-istess standard ġie ppreżentat lill-każin minn Sir David Campbell. Dan qal li kien iħossu ferm kburi li kien qed jassisti għal din l-inawgurazzjoni u xtaq kull ġid lill-każin.

Imbagħad l-Arċisqof Gonzi għamel id-diskors tiegħu u qabel spiċċa qara telegramm li ġie mibgħut mill-Vatikan lill-Każin tal-Banda G.M. De Paule, li kien jgħid hekk:

*Mons. Arċisqof ta' Malta*

*Il-Qdusija Tiegħu l-Papa jibgħat jifraħ minn qalbu lill-Għaqda Filarmonika Gran Mastru de Paula, jixtieqilha xita ta' favuri divini, bil-qalb iberikha.*

***Monsinjur Sostituto***

Wara dan id-diskors ta' l-Arċisqof, sar riċeviment. Għal aktar minn darba Mons. Arċisqof, flimkien ma' Sir David Campbell, tfaċċaw fil-gallarija tal-każin fejn ġew milqugħa minn applawsi ta' ferħ mill-poplu li kien assista għal din iċ-ċerimonja.

Sadattant il-festa ta' barra ssuktat bil-programm tal-Banda Queen's Own u sparar tal-musketterija.

Kien hemm kliem ta' tifħir għall-Kumitat, b'mod speċjali għas-Sur Ċelestinu Carabott, Direttur Ġenerali tal-każin, għar-reqqa li biha rnexxielu jorganizza u jsebbaħ din l-okkażjoni.